**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis, 20 ta' April 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 86/2015 JVC**

**Francis Teuma**

**Vs**

**Peter Paul Theuma, Albert Theuma u Carmen Tabone**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn l-attur ippremetta:

1. Illi fil-21 ta' Awwissu 1993, il-genituri ta' l-attur, Joseph Teuma u Michelina Theuma nee' Vella kienu ghamlu testement li bih, ossia bis-seba' Artikolu tieghu, huma hallew prelegat lill-attur konsistenti fl-uzu u abitazzjoni gratwita tad-dar ta' abitazzjoni taghhom li kienet iggib in-numru 12 u 13 fi Pjazza Dun Martin Camilleri, fin-Nadur, Ghawdex dment li huwa ma jergax jizzewweg.

2. Illi fl-2001, il-genituri ta' l-atturi riedu jbieghu dan il-fond lill-kumpanija tal-intimat Peter Paul Theuma, bl-isem Life Properties Ltd, u ghaldaqstant huma weghdu lill-attur li kienu ser jaghtuh il-fond 10-11 ukoll fi Pjazza Dun Martin Camilleri, bl-istess titolu ta' uzufrutt u abitazzjoni.

3. Illi l-intimati Peter Paul Theuma, Albert Theuma u Carmen Tabone heggew lill-attur jirrinunzja ghall-pretensjonijiet tieghu fuq il-fond 12-13 u dan billi weghduh li huwa kien ser ikun sussegwentement moghti l-uzufrutt u dritt ta' abitazzjoni fuq il-fond numru 10-11 fi Pjazza Dun Martin Camilleri fin-Nadur ukoll.

4. Illi wara dan l-attur ghamel zmien jistenna li jinghata d-drittijiet fuq l-imsemmi fond 10-11 fi Pjazza Dun Martin Camilleri, izda wara li gew neqsin kemm omm kif ukoll missier il-kontendenti, l-intimati bdew jghidu lill-attur li la l-ftehim ma sarx bil-miktub ghalhekk huwa ma kien ser jinghata xejn.

5. Illi wara li l-attur spicca skonta zmien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin intortament u bi htija ta' dak li dahhlu fih l-intimat Peter Paul Theuma, l-attur spicca minghajr post ta' abitazzjoni u kellu jsib akkommodazzjoni alternattiva u sal-lum hutu ghadhom ma tawh xejn minn dak li originarjament kien miftiehem li jaghtuh.

6. Illi l-attur ihoss li dan l-agir ta' hutu l-intimati kkawzalu danni ngenti enormi u ta' dan l-intimati jahtu u huma responsabbli.

7. Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment u ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Premessi li l-intimati kkawzaw danni lill-attur;

Talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ikkawza hsara lil huhom Francis Teuma, l-attur.

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-intimati bhala danni kagjonati lill-attur.

3. Tordna lill-intimat ihallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Peter Paul Theuma fejn espona:

1. Illi preliminarjament kwantu din il-kawza qed tilmenta minn dak li ghamlu l-genituri tal-kontendenti b'gidhom din ma tistax tissokta stante li l-eredi tal-genituri ma humiex parti f'din il-kawza.

2. Illi din il-kawza hija bla bazi legali u wahda frivola u vessatorja. Hija kawza li altament tirrazenta l-fieragh u kwindi apparti c-cahda tat-talbiet attrici din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tinvestiga jekk hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-provvedimenti u komminazzjonijiet stipulati mil-ligi ghall-kawzi ta' din ix-xorta.

3. Illi l-esponenti ma kkawza l-ebda danni lill-attur kif minnu pretiz.

4. Illi qabel xejn huwa dibattibbli jekk verament l-attur sofriex xi danni u in oltre ma jezisti l-ebda ness bejn dak li qed jghid li sofra l-attur la mal-genituri tieghu (illum it-tnejn mejtin) u laqas ma' l-eccipjenti.

5. Illi jekk verament l-attur sofra xi hsara f'hajtu, din sofriha unikament minhabba l-ghazliet tieghu u ta' hadd aktar u jekk spicca l-habs kien b'sentenza ta' Qorti li kkundannatu ghal ghemilu u ghal xejn aktar.

6. Illi l-bdil fid-disposizzjonijiet testamentarji tal-genituri huwa biss dritt tal-genituri u li l-attur ma ghandu l-ebda dritt fuqu u bl-ebda mod ma jista' jghid illi sofra xi danni minhabba l-bdil fid-disposizzjonijiet testamentarji jew minhabba li dawn gew rezi ineffikaci minhabba trasferiment ta' xi proprjeta' legata – haga permessa u kontemplata mil-ligi.

7. Illi dak asserit fil-premessi fis-sens illi l-konvenuti heggew lill-attur jaghmel xi rinunzja jew li weghdu lill-attur li kienu ser ituh xi dritt ta' uzu u abitazzjoni fuq xi fond, mhux biss huwa nveritier izda huwa wkoll legalment redikolu, ghax qabel xejn l-attur ma kellu xejn fuq x'hiex jirrinunzja stante li l-proprjeta' kienet tal-genituri u in oltre kieku riedu l-konvenuti lanqas setghu jaghmlu dan ghaliex il-proprjeta' ma kinitx taghhom izda tal-genituri taghhom.

8. Illi l-pretensjonijiet fiergha ta' l-attur ikomplu jiddghajfu quddiem il-fatt illi l-attur accessa l-ereditajiet tal-genituri tieghu.

9. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

10. Illi din ir-risposta qed issir u tigi kkonfermata bil-gurament mill-konvenut Peter Paul Theuma li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in eccezzjoni.

Rat illi permezz ta' nota datata 3 ta' Dicembru, 2015 l-attur ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenuti hutu Albert Theuma u Carmen Tabone filwaqt li zammha ferm fil-konfront tal-konvenut Peter Paul Theuma;

Rat l-affidavits, dokumenti u provi kollha fl-atti;

Rat illi fil-verbal ta' nhar is-17 ta' Novembru, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fit-termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-attur u l-konvenut huma ahwa. L-attur fetah din il-kawza kontra l-konvenut ghaliex isostni li b'agir tieghu tul is-snin huwa kkawza danni lill-attur. L-attur jaghmel emfasi shiha fil-premessi tieghu fuq l-allegazzjoni li l-genituri tieghu weghduh xi drittijiet fuq proprjeta' taghhom mal-mewt liema jeddijiet izda mbaghad ma nghatawx, skont l-attur minhabba nsistenza tal-konvenut mal-genituri taghhom u dan ghaliex id-disposizzjonijiet testamentarji tal-genituri tal-partijiet gew mibdula. Fil-premessi l-attur isostni wkoll li tort tal-konvenut huwa spicca l-habs intortament ghall-perjodu ta' hames snin u x'hin hareg minhabba li skont hu l-genituri tieghu u hutu ma zammewx kelmthom li jaghtuh jeddijiet fuq proprjeta' tal-genituri fejn seta' jmur jghix allura kellu jfittex akkomodazzjoni alternattiva. Konsegwenza ta' dan kollu l-attur isostni li huwa sofra danni li ghalihom huwa responsabbli huh il-konvenut. L-attur ma pprezenta l-ebda prova dwar danni sofferti fl-atti u fis-sottomissjonijiet tieghu jsostni li dawn ghandhom jigu decizi minn din il-Qorti *arbitrio boni viri.*

Illi da parti tieghu l-konvenut jeccepixxi li huwa ma jistax jinzamm responsabbli ghal dak li ghamlu l-genituri tieghu li fuq kollox kellhom

kull jedd li jbiddlu d-disposizzjonijiet testamentarji taghhom fejn finalment hallew l-ererdita' tal-proprjeta' li kien fadal ugwalment bejn l-ahwa nkluz l-attur. Isostni wkoll li l-jeddijiet li jsemmi l-attur fil-premessi tieghu setghu biss ikunu validi jekk redatti bil-miktub skont il-ligi u mhux semplicement bil-kliem. Jeccepixxi li jekk l-attur wehel il-habs kien biss minhabba agir tieghu u xejn aktar. In oltre jeccepixxi li mhux minnu li hu u hutu b'xi mod gieghlu lill-attur jirrinzunja ghal xi jeddijiet li kellu u li fuq kollox l-attur accetta l-eredita' tal-genituri tieghu b'tali mod li ma jistax jattakka l-istess. Il-konvenut sahansitra jsostni li l-pretensjonijiet tal-attur ghandhom mill-frivolu u l-vessatorju.

Illi ghalkemm l-attur jemfasizza hafna fil-kawza tieghu dwar il-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu kif ukoll fil-konfront ta' huh il-konvenut, fl-atti ma tressqu l-ebda provi dwar dawn il-proceduri, lanqas almenu, id-decizjonijiet moghtija fil-konfront tal-attur kif ukoll tal-konvenut ghajr ghal xi artikoli tal-gazzetti. Fl-atti wkoll il-konvenut zamm ferm lura milli jaghti dettalji dwar dawn il-proceduri anzi l-provi tal-konvenut huma ferm xotti. Min- aha tieghu l-attur ressaq biss bhala prova, apparti dokumenti fosthom ittri allegatament mibghuta minn huh il-konvenut lilu (ara fol. 26 et seq) u ittri tal-istess attur l-affidavit tieghu a fol fol. 97 et seq tal-process.

Illi mill-affidavit tal-attur u d-dokumenti esebiti huwa jsostni li originarjament lura sew fis-snin lejn is-sena 1987 huwa kien gie mqabbad minn huh il-konvenut sabiex jibghat xi droga mohbija f'pakkett bi gwarnic go fih indirizzat lil huh il-konvenut minn barrra minn Malta. L-attur jammetti li dan ghamlu izda jghid li ghamlu ghaliex kien dghajjef minhabba l-vizzju tad-droga u ghaliex ikkonvincih huh. Jirrizulta li l-ewwel darba li ntbaghat il-pakkett bid-droga din ma nqabditx izda t-tieni darba li sar hekk din id-droga giet intercettata u huh il-konvenut inqabad bl-istess droga fid-dar. Stante li l-attur ma kienx Malta huh il-konvenut tah il-parir li ma jersaqx lejn Malta ghaliex jigi arrestat. Jirrizulta li ghaddew bosta snin bil-konvenut akkuzat fuq id-droga li nstabet f'dahru flimkien ma' oggetti relatati ohra mad-droga fosthom imwiezen filwaqt li l-attur baqa' ma rritornax Malta minhabba li kienet inqabdet id-droga u l-maggor parti huwa ghex fi Sqallija. A fol. 26 et seq tinsab esebita bosta korrispondenza mibghuta mill-konvenut u martu Doris Ellis lill-attur mil-liema korrispondenza jidher illi l-konvenut kien involut ferm fil-kwistjoni tad-droga. F'parti minn din id-dokumentazzjoni huwa jammetti l-involviment tieghu u wkoll jibda

jikkunsidra proposta li ghamillu l-attur li dan ghamillu offerta li skont l-attur kienet li l-attur jghid li d-droga kienet intiza ghalih biex jipprova jevita l-habs lil huh il-konvenut. Skont l-affidavit tal-attur finalment huwa verament gie mitlub sabiex jghid li d-droga kienet intiza ghalih u dan ghamlu permezz ta' ittri wahda minnhom sahansitra ndirizzata lill-President ta' Malta fejn jammetti l-involviment tieghu u jitlob mahfra ghalih u ghal huh il-konvenut. Skont l-attur izda l-konvenut kien qed jilaghbu ghaliex wara li dan sehh, dejjem skont l-attur, meta l-konvenut nduna li l-attur kien ser jiirritorna Malta kien il-konvenut stess li nforma l-awtoritajiet li huh kien gej lura u dan inqabad. L-attur isostni li huwa wehel hames snin habs intortament ghaliex ma bdewx jemmnuh li huwa kiteb l-ittra fejn qal li d-droga kienet ghalih sabiex jghin lil huh u xejn aktar u jsostni wkoll li ma kellux access ghad-dokumentazzjoni li llum giet esebita fl-atti ta' din il-kawza a fol. 26 et seq tal-process ghaliex qatt ma nghata l-liberta' provizorja u spicca wehel hames snin habs filwaqt li huh il-konvenut hareg b'sentenza sospiza. Kif gia nghad aktar 'il fuq l-ebda wahda minn dawn id-decizjonijiet ma gew esebiti fl-atti wisq anqas atti ohra mill-proceduri kriminali. Da parti tieghu l-konvenut ma tax wisq informazzjoni fl-affidavit tieghu a fol. 111 et seq tal-process kif ukoll fil-kontro-ezami tieghu a fol. 119 tal-process.

Illi l-attur jghid li fil-mori ta' dak li kien ghaddej f'hajtu barra minn Malta, huh kien qieghed jikkonvinci lill-genituri tieghu sabiex ibieghu parti mill-proprjeta' taghhom lilu u dan tramite kumpanija ta' huh il-konvenut Life Properties Limited (ara fol 80 u fol. 73 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li din il-proprjeta' inbieghet lill-kumpanija tal-attur ghas-somma ta' ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000)). L-attur isostni li dan sar a skapitu tal-jeddijiet li l-genituri tieghu kienu weghduh fuq din il-proprjeta' u prova ta' dan jesebixxi testment a fol. 4 tal-process datat 1993 liema testment jidher li huwa ammess anki mill-attur li mhux l-ahhar wiehed tal-genituri tieghu. L-attur isostni wkoll li kien tort tal-konvenut li skont hu huwa ceda dawn il-jeddijiet u accetta li jinghata parti ohra mill-proprjeta' tal-genituri. Dan izda ma huwa evidenzjat bl-ebda dokument fl-atti u skont l-attur dan kollu dejjem sar b'mod verbali.

Illi tul iz-zmien dejjem skont l-attur huwa jghid li l-konvenut u martu sabiex ipattu talli l-attur refa' s-salib tal-kawza tad-droga fuqu flokhom huwa gabar is-somma ta' madwar tlettax-il elf Liri Maltin (Lm13,000) flok appartament jiswa ghoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) li skont l-attur kienu weghduh il-konvenut u martu ghal dak li ghamel maghhom.

L-attur ikompli fl-affidavit tieghu li wara li huwa wehel hames snin habs minhabba huh il-konvenut u martu Doris Ellis huwa sabha ferm difficli li jsib xoghol u lanqas kellu fejn jghix. Jghid li ghamel zmien jghix f'post zghir kollu umdita f'Bormla u li ghamel zmien jirrestawra d-djar. Jghid ukoll li konsegwenza ta' hekk spicca qatt ma sab xoghol (fl-istess nifs li jghid li kien jirrestawra d-djar) u llum li huwa pensjonant ghadu fil-problema li ma ghandux fejn jirrisjedi ghaliex hutu fosthom il-konvenut naqsu milli jaghtuh dak li kienu weghduh originarjament ommu u missieru, cioe' post fejn jghix fin-Nadur fil-proprjeta' tal-genituri taghhom u dan skont l-attur konsegwenza tal-agir tal-konvenut li kkonvinca lill-genituri tieghu jbiddlu d-disposizzjonijiet testamentarji taghhom (b'mod partikolari tal-omm li mietet wara l-missier).

Konsegwenza ta' dak kollu suespost allegatament soffert mill-attur rizultat tal-agir tal-konvenut l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li huwa sofra hsara konsegwenza tal-agir tal-konvenut, sabiex tillikwida tali danni u tordna l-hlas taghhom lill-attur. Bhala quantum tad-danni sofferti ma tressqet l-ebda prova da parti tal-attur, anzi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jghid li din il-Qorti ghandha tillikwida d-danni sofferti minnu, kif gia suesposti, *arbitrio boni viri*.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-kawza tal-attur hija principalment (kif anki jirrizulta mill-premessi tal-kawza) imsejsa fuq l-allegazzjoni li l-konvenut agixxa b'tali mod li l-genituri tal-partijiet biddlu d-disposizzjonijiet testamentarji taghhom sabiex b'hekk inbidel it-testment esebit a fol. 4 tal-process fejn l-attur kien ser igawdi minn prelegat ta' dritt ta' uzu u abitazzjoni gratuita ta' parti diviza mid-dar tal-geniturti tieghu fin-Nadur (ara s-seba' artikolu). Jirrizulta izda nkontestat mill-attur li finalment huwa thalla eredi ugwali flimkien ma' hutu tal-proprjeta' li kienet ghadha tal-genituri tieghu mal-mewt taghhom. Jirrizulta fil-fatt li l-genituri tieghu kienu proprjetarji tal-fondi 10, 11, 12 u 13 fi Pjazza Dun Martin Camilleri, Nadur, Ghawdex. Tul hajjithom il-genituri tal-partijiet iddipsonew mill-proprjeta' 12 u 13 billi bieghuha lill-kumpanija tal-konvenut filwaqt li l-proprjeta' rimanenti wirtuha l-partijiet u hutu b'mod ugwali. Imkien l-attur fl-atti ma esebixxa prova li huwa b'xi mod irrinunzja ghall-wirt tal-genituri tieghu. Jirrizulta izda li huwa qed jaghmilha difficli ma' hutu sabiex tinbiegh il-proprjeta' tal-genituri tieghu (tant li anki ghamel mandat ta' inibizzjoni qabel ma giet intavolata din il-kawza li izda ma

giex milqugh) ghaliex ghadu qed jippretendi li tinghata parti minnha lilu biex ikun jista' jghix fiha.

Illi ghal dawk li huma pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-eredita' tal-genituri tieghu l-Qorti taghmel il-konkluzjonijiet segwenti:

(1) Illi l-attur m'istitwiex din il-kawza kontra hutu bhala eredi tal-genituri tieghu izda f'isimhom personali (tant li l-kawza kif kostitwita originarjament lanqas saret kontra l-ahwa kollha eredi) u ghalhekk ma jista' jressaq l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-eredita' msemmija fl-atti ta' din il-kawza;

(2) Illi in oltre t-talbiet tal-attur jaghmlu referenza ghal danni sofferti konsegwenza tal-agir tal-konvenut Peter Paul Theuma b'dana li certament l-eredita' ma ghandha l-ebda locus standi f'dawn il-proceduri;

(3) Illi l-attur ma ressaq l-ebda prova dokumentarja ta' jeddijiet li huwa jista' jkollu fil-konfront tal-proprjeta' immobbli tal-genituri tieghu meta dawn il-jeddijiet, bil-ligi, jistghu jinghataw biss permezz ta' kuntratt pubbliku debitament redatt min-Nutar Pubbliku;

(4) Illi ma tressqet l-ebda prova sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi li l-konvenut b'xi mod influwenza lill-genituri tieghu b'tali mod li jiffavorixxu lil xi hadd minn hutu fuqu jew li b'xi mod l-attur gie mgieghel jirrinunzja ghal xi jeddijiet li huwa kellu fuq l-immobbli in kwistjoni stante li tali rinunzja kellha wkoll issir permezz ta' att pubbliku. Anzi pjuttost jirrizulta li l-genituri tal-partijiet ma ffavorew lill-ebda mill-ahwa tant li hallew lill-ahwa kollha eredi ugwalment bejniethom.

Illi konsegwenza ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis illi l-ewwel, is-sitt, is-seba' u t-tmien eccezzjonijiet tal-konvenut huma gjustifikati u ser jigu milqugha.

Illi ghalkemm issir referenza minima hafna ghaliha fil-premessi tal-kawza, l-attur jidher li qed jibbaza wkoll it-talbiet tieghu kontra l-konvenut Peter Paul Theuma fis-sens li jsostni li huwa sofra danni konsegwenza tal-fatt li skont hu huwa ghamel hames snin il-habs

intortament konsegwenza ta' agir ta' huh il-konvenut. Fil-fatt tista' tghid li l-provi tal-attur fl-atti huma aktar imsejsa fuq dan il-punt aktar milli fuq il-parti tal-eredita'. Illi din il-Qorti jirrizultalha mill-atti li jdawwarha kif idawwarha l-attur, huwa jammetti fl-atti li kien hu li mposta d-droga lil huh il-konvenut mhux darba izda darbtejn. Il-probabbilta' hi li verament dan kien bi ftehim bejn it-tnejn sabiex il-konvenut huh u martu konsegwentement ikunu jistghu jbieghu l-istess droga u dan jirrizulta fl-opinjoni ta' din il-Qorti car mill-korrispondenza a fol. 26 et seq tal-process u l-oggetti li kienu misjuba fir-residenza tal-konvenut kif jammetti hu stess fl-ittri fosthom imwiezen. Il-probabbilta' wkoll hi li verament l-attur, sabiex jipprova jghin lil huh ipprova jerfa' t-tort kollu fuqu u b'hekk spicca hu wkoll mressaq il-Qorti bl-akkuzi fuq drogi. L-attur huwa ferm irrabjat li huwa wehel hames snin habs filwaqt li huh wehel sentenza sospiza. Mhux izda kompitu ta' din il-Qorti li tiggustifika d-decizjonijiet moghtija kontra l-partijiet minn Qrati ohra anki ghaliex hija ma kinitx parti fihom, ma tafx xi provi kien hemm u wisq anqas rat il-motivazzjonijet taz-zewg decizjonijiet. Lanqas tista' din il-Qorti tagixxi bhala Qorti tal-Appell mill-istess decizjonijiet. Finalment izda li huwa ta' mportanza assoluta f'ghajnejn din il-Qorti huwa li jirrizulta li l-attur jammetti li huwa verament baghat id-droga lil huh il-konvenut. Ghalhekk ma jistax jghid l-attur li hu tressaq il-Qorti u wehel il-habs intortament.

**L-attur stess jammetti li kiser il-ligi. L-attur jammetti wkoll li bhala tpattija talli refa' t-tort hu (illegalment ukoll la darba jammetti li ghamel dikjarazzjonjiet foloz dwar ghal min kienet intenzjonata d-droga) huwa rcieva s-somma ta' tlettax-il Elf Liri Maltin minghand huh il-konvenut (Lm13,000). Certament izda mhux kompitu ta' din il-Qorti li hija tidhol fil-mertu dwar jekk dan l-ammont kienx bizzejjed sabiex ipatti tal-konsegwenzi li l-attur soffra talli hu stess kiser il-ligi u sofra dak li sofra konsegwenza tal-agir tieghu! Wisq anqas ghalhekk din il-Qorti tista' tghaddi sabiex tillikwida danni, aktar u aktar *arbitrio boni viri*, li l-attur seta' sofra konsegwenza tal-agir tieghu stess anki jekk imbuttat xi ftit minn huh il-konvenut, ghaliex xejn ma jiggustifika li wiehed jaghzel li jikser il-ligi lanqas l-isperanza li konsegwentement jithallas tal-intrigu u d-danni sofferti. Li kieku l-Qorti kellha taghmel hekk tkun qeda tipromwovi attivitajiet illegali bhalma huma dawk li jammetti l-attur u cioe' traffikar ta' droga (billi baghat hu d-droga lil huh) u dikjarazzjonijiet**

**foloz (meta ddikjara li d-droga kienet ghalih meta skont hu din ma kinitx).**

Illi ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti tqis ukoll illi l-eccezzjonijiet numri tlieta, ir-raba', il-hames u d-disa' eccezzjoni tal-konvenut huma wkoll gjustifikati.

Illi l-Qorti in oltre in vista ta' dak kollu suespost ma tqisx li t-talbiet tal-attur gew sufficjentement pruvati u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Illi f'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti tqis li l-attur flok jibqa' jippersisti ghal soluzzjoni mill-Qrati ghal sitwazzjoni llegali kreata minnu, stess anki jekk mhux neccessarjament wahdu, huwa ghandu jhares 'il quddiem u jekk hemm proprjeta' x'tinbiegh mill-eredita' tal-geniturti tieghu jghaddi sabiex dan isir u mhux jaghmel il-bsaten fir-roti biex jaghmilha aktar difficli ghalih stess, dan sabiex finalment huwa jkun jista' jgawdi l-parti tieghu tal-eredita' anki billi jinvesti l-istess f'residenza adegwata ghalih jekk huwa l-kaz u mhux jibqa' marbut ma' holma li xi darba jghix fid-dar ta' residenza tal-genituri tieghu stante li din legalment mihijiex proprjeta' tieghu biss u x-xewqa tieghu evidentement ser tibqa' holma u xejn aktar sakemm ma jaghzilx li hu stess jixtri din il-proprjeta'.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur